MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 650/1999/1

**AMC Electric Ltd**

**vs**

**Crown Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 17 ta’ Marzu 1999 a fol 1 tal-process fejn esponiet: -

Illi din s-socjeta` attrici kienet dahlet f’ kuntratt mas-socjeta` konveuta fil-1 ta’ Dicembru 1997, ghall-esekuzzjoni u provvista ta’ xoghlijiet u makkinarju ta’ elettriku u idrawlika kif ahjar specifikat fl-istess kuntratt ezibit u mmarkat Dokument “A” fil-lukanda maghrufa bhala Arizona *Hotel*, Bugibba.

Illi s-socjeta` attrici bdiet taghti esekuzzjoni u adempiment tax-xoghlijiet lillha fdati, u esegwiet ix-xoghol ta' appalt lilha fdati.

Illi fil-kors tal-esekuzzjoni tal-istess appalt is-socjeta` konvenuta ingustament u minnghajr dritt intrommettiet rahha fl-esekuzzjoni tal-istess xoghlijiet mill-atturi.

Illi s-socjeta` konvenuta baqghet moruza fil-pagamenti minnha dovuti fit-termini tal-istess appalt.

Illi ghalhekk l-istess appalt kien jinsab xolt minhabba n-nuqqas u l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta llum ghad ghandha taghti lis-socjeta` attrici somma bilancjali li trid tigi likwidata minn dina l-Qorti ghall-appalt minnha esegwit ghall-beneficcju tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata b'ittra ufficjali tas-27 ta' April 1998, baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex: -

1. Dikjarat xolt l-appalt fuq imsemnii tal-1 ta' Dicembru 1997 minhabba l-morozita` u inadempjenza tas-socjeta` konvenuta.

2. Tigi likwidata s-somma bilancjali dovuta mis-societa` konvenuta lis-socjeta` attrici ghax-xoghlijiet minnha esegwiti u makkinarju minnha provvist, u dan okkorendo b' opera ta' periti nominandi.

3. Tigi kkundannata s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata prezz bilancjali tax-xoghol minnha esegwit u material u makkinarju minnha provvist skont l-appalt fuq imsemmi.

Bl-ispejjiez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 1998 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` attrici a fol 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma’ dokument anness u mmarkat bhala Dok “A” a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Gunju 1999.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta’ Gunju 1999 fejn Dr. Carlo Bisazza talab li jinghata fakolta` li jipprezenta l-osservazzjoni tieghu. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Paul Farrugia biex jisma’ il-provi kollha dwar il-kaz mill-atturi; u l-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta’ Novembru 2000 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Teresa Cachia ghas-socjeta` attrici li ddikjarat li m’ ghandhiex provi izjed. Il-Qorti, *in vista* tal-verbal tat-23 ta’ Mejju 1999 akkordat lis-socjeta` konvenuta ghoxrin (20) gurnata zmien ghal prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha ghoxrin (20) gurnata biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Frar 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Crowns *Hotel*s Limited datata 12 ta’ Frar 2001 a fol. 102 tal-process fejn talbet lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tordna n-notifika tac-citazzjoni lilha mill-gdid sabiex hija tigi notifikata skont il-ligi u tikkontesta l-kawza billi tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet, u tirrikjama l-kawza fl-ismijiet inversi (Cit. Nru 2078/99 GCD) sabiex tismaghha mal-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat ir-risposta ghall-istess rikors datata 6 ta’ Mar 2001 (fol. 130).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Il-Qorti ordnat lis-socjeta` konvenuta tinnotifika r-rikors tat-12 ta’ Frar 2001 b’ghaxart ijiem zmien ghar-risposta u

halliet l-kawza ghall-provi u trattazzjoni fuq l-istess rikors u specifikament talba “B”.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Lulju 2001 (fol 280) fejn xehed Martin Buttigieg. Il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar in-notifika tac-citazzjoni attrici u l-validita` taghha ghat-2 ta’ Ottubru 2001; u l-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2001 fejn inghatat decizjoni dwar in-notifika tac-citazzjoni attrici. Il-kawza giet differita ghan-notifika u kontinwazzjoni ghas-6 ta’ Dicembru 2001.

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti datata 2 ta’ Ottubru 2001 (fol. 294) dwar in-notifika tac-citazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta’ Dicembru 2001 (fol 303) fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tas-socjeta` AMC Electric Limited datat 25 ta’ Jannar 2002 a fol 304 tal-process fejn talbet ir-riappuntament din il-kawza sabiex tkun tista’ tigi trattata u deciza skont il-ligi; u l-Qorti laqghet it-talba u rrijappuntat il-kawza ghall-15 ta’ Marzu 2002, kif jidher bid-digriet moghti fid-29 ta’ Jannar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mil-15 ta’ Marzu 2002 il-quddiem minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita ghan-notifika.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Crown *Hotel*s Limited datata 28 ta’ Marzu 2003 a fol. 316 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi fl-ewwel lok il-kuntratt ta’ appalt *de quo* hu xolt diga` minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta` attrici, fit-tieni lok, is-socjeta` attrici mhix intitolata ghal ebda hlas peress illi x-xoghol minnha maghmul u materjal fornit hu difettuz u mhux skont is-sengha u l-arti u minhabba ksur tal-obbligi kuntrattwal da parti tal-istess socjeta` attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta Crown *Hotel*s Limited a fol 316 u 317 tal-process.

Rat it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta Crown *Hotel*s Limited kontra s-socjeta` attrici AMC Electric Ltd a fol 318 tal-process fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` konvenuta qed taghmel uzu minn dawn il-proceduri sabiex tipprezenta kontro-talba kontra s-socjeta` attrici.

Illi permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Dicembru 1997 is-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta` attrici biex tezegwixxi u tipprovdi xoghlijiet u biex tipprovdi installazzjoni elettrika u idrawlika fil-lukanda llum maghrufa bhala Crown *Hotel* gja marghufa bhala Arizona *Hotel* skont il-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma fl-istess ftehim.

Illi s-socjeta` attrici kienet inadampjenti fl-obbligi taghha skont l-istess ftehim, ma zammitx maz-zminijiet pattwiti, naqset illi tipprovdi s-servizzi u makkinarju skont il-ftehim u x-xoghlijiet li hija ezegwiet kienu difettuzi u ma kienux skont is-sengha u l-arti.

Illi s-socjeta` konvenuta hallset pagamenti akkont lis-socjeta` attrici, li ghandhom jithallsu lura lis-socjeta` konvenuta.

Illi l-kuntratt tal-appalt kien gie terminat jew xolt minhabba illi s-socjeta` attrici kienet inadampjenti fl-obbligi taghha skont l-istess ftehim, ma zammitx maz-zminijiet pattwiti, naqset illi tipprovdi s-servizzi u makkinarju skont il-ftehim u x-xoghlijiet li hija ezegwiet u materjal li hija pprovdiet kienu difettuzi u/jew ma kienux skont is-sengha u l-arti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta talbet li s-socjeta` attrici tghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tddikjara illi s-socjeta` attrici kienet inadampjenti fl-esekuzzjoni tal-obbligi taghha taht il-kuntratt tal-appalt u naqset illi tipprovdi s-servizzi u makkinarju skont il-ftehim u li x-xoghlijiet u makkinarju li hija ezegwiet jew ipprovdiet ma kienux skont il-ftehim u kienu difettuzi u/jew mhux skont is-sengha u l-arti.

2. Tiddikjara illi l-kuntratt tal-appalt *de quo* kien kien gie terminat jew xolt minhabba inadampjenza da parti tas-socjeta` attrici kif ukoll minhabba illi l-istess ma zammitx maz-zminijiet pattwiti, naqset illi tipprovdi s-servizzi u makkinarju skont il-ftehim u x-xoghlijiet u makkinarju li hija ezegwiet jew ipprovdiet kienu difettuzi u jew mhux skont is-sengha u l-arti.

3. Tiddikjara illi l-pagamenti kollha jew *in parte* skont ma jidhrilha din l-Qorti maghmula mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ma kienux dovuti minhabba l-premess.

4. Tillikwida dak l-ammont li s-socjeta` attrici ghandha tirrifondi lis-socjeta` konvenuta.

5. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta dak l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax skont il-ligi u bl-ispejjez.

Is-socjeta` attrici u rapprezentanti taghha huma ngunt ghas-subizzjoni.

Salva kull azzjoni ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta Crown *Hotel*s Limited a fol 320 u 321 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-8 ta’ Novembru 2002 il-quddiem fejn fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2003 fejn il-partijiet b’ referenza ghar-rikors a fol 102 tal-process qablu li l-kawza Cit Nru

2078/99 GCD tigi rikjamata u tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta. Il-Qorti irreservat li tipprovdi kameralment.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` AMC Electric Limited ghat-talba rikonvenzjonali li saret mis-socjeta` Crown *Hotel*s Limited datata 16 ta' Lulju 2003 a fol 331 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi t-talba rikonvenzjonali pprezentata mis-socjeta` Crown *Hotel*s Limited hija nulla billi ma jidhirx li n-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni giet guramentata.

2. Illi t-talbiet imressqa mis-socjeta` Crown *Hotel*s Limited huma preskritti billi ma ngabux fiz-zmien stabbilit fil-ligi.

3. Illi t-talbiet imressqa mis-socjeta` Crown *Hotel*s Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi x-xoghol sar mis-socjeta` AMC Electric Limited skont kif rikjest mill-arti u s-sengha, u skont il-kuntratt ta' appalt miftiehem bejn il-partijiet;

ii. Illi l-materjal u makkinarju li intuza u gie provdut fis-sit in kwistjoni huwa materjal miftiehem fil-kuntratt ta' appalt u ma kellu ebda diffett meta gie imqieghed;

iii. Illi *in oltre* l-materjal li intuza gie ottenut minn socjeta`jiet ohra skont l-approvazzjoni tas-socjeta` Crown *Hotel*s Limited u ghalhekk huma s-socjeta`jiet l-ohra li ghandhom jwiegbu ghal tali premessa u talba billi jigu msejha fil-kawza, fosthom is-socjeta` Hydrolectric Limited;

iv. Illi l-hlasijiet li saru mis-socjeta` Crown *Hotel*s Limited saru skont il-kuntratt ta' appalt u ghal xoghol li kien gia gie ezegwiet u approvat mill-istess socjeta`;

v. Illi *in oltre* kienet is-socjeta` Crown *Hotel*s Limited li naqqset li tonora l-obbligi taghha skont il-kuntratt ta' appalt billi biddlet id-data ta' meta riedet ix-xoghol lest minghajr l-approvazzjoni tas-socjeta` ecipjenti, dahlet nies

ohra jahdmu fuq is-sit fuq xoghol li kien moghti lis-socjeta` ecipjenti minghajr l-approvazzjoni tal-istess socjeta`;

vi. Illi *in oltre*, l-istess socjeta` Crown *Hotel*s Limited kienet qabdet persuni estranei ghas-socjeta` AMC Electric Limited sabiex jaghmlu xoghol li kien l-inkarigu tas-socjeta` u gie ordnat u mqieghed materjal mhux approval u mhux rikonoxxut mis-socjeta` AMC Electric Limited u ghal liema l-eccipjenti ma ghandix tinsab responsabbli.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` ABC Electric Limited ghat-talba rikonvenzjonali li saret mis-socjeta` Crown *Hotel*s Limited a fol 333 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Jannar 2004 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn inghata gie deciz li l-kawza Citaz. 2078/99/GCD fl-ismijiet "Crown *Hotel*s Limited vs AMC Limited tigi rikjamata minn din il-Qorti quddiema sabiex tinstema kontestwalment ma din il-kawza kollox skond l-**artikolu 793 tal-Kap. 12** (fol. 342).

Rat id-digriet datat ukoll 27 ta' Jannar 2004 fejn cahdet it-talba ghall-isfilz tal-affidavit attrici (fol. 346).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Ottubru 2004 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tkompli bil-gbir tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-11 ta' Jannar 2006 fejn il-Qorti innotat li l-verbali tas-seduti precedenti quddiem il-Qorti ma kienux jirrifflettu l-posizzjoni korretta f'dak li hu okkju u

ordnat l-korrezzjoni tal-istess. Il-Qorti inkarigat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa l-ahhar seduta ghall-provi kollha attrici, u zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta. Kellu wkoll jigi ndikat mill-partijiet jekk kienux ser jaghmlu talba ghan-nomina ta’ perit tekniku. L-istess sar fil-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2006 (fol. 376) izda tali talba qatt ma saret.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta’ Frar 2007 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi attrici maghluqa u tat direttivi  sabiex is-socjeta` konvenuta tipprezenta l-provi taghha u nnominat bhala Perit Legali lil Dr Anna Mallia sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici u l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fid-dawl tal-eccezzjoninjiet sollevati u tirrelata dwar l-istess a spejjez provizzorjament tas-socjeta` attrici.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia pprezentat fir-registru fid-9 ta’ Dicembru 2008 u mahluf fis-seduta tas-27 ta’ April 2010 liema rapport jinsab esebit a fol 400 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Crown *Hotel*s Limited datat 30 ta’ Gunju 2010 a fol 418 fejn talbet lill-Qorti joghgobha tordna li l-kawza odjerna tigi riappuntata sabiex tigi trattata u deciza skont il-ligi; u l-Qorti wara li rat in-nota datata 7 ta’ Lulju 2010 laqghet it-talba u irrappuntat din il-kawza ghas-smigh ghad-9 ta’ Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Gujnu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mark Refalo ghas-socjeta` attrici u Dr. Norval Desira ghas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti irrilevat li tat digriet fejn ammettiet id-domandi f’ dan l-istadju mis-socjeta` attrici, b’dan li dawn

jigu notifikati lid-difensur tal-kontro-parti u lill-Perit Legali. Dr. Anna Mallia bhala Perit Legali prezenti tat ruhha notifikata bl-istess domandi u li ghalihm kellha tirrispondi fi zmien ghoxrin (20) gurnata. Il-kawza giet differita sabiex isiru r-risposti mill-Perit Legali, u jekk ikun il-kaz ghall finali trattazzjoni ghall-10 ta’ Novembru 2011; u l-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Novembru 2011 fejn meta sejhet il-kawza dehret Dr. Sabina Cabourdin ghas-socjeta` konvenuta Crown *Hotel*s Ltd. Dr. Refalo u s-socjeta` attrici msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ April 2012.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet “Crown *Hotel*s Limited vs AMC Electric Limited” – Citaz. Nru. 2078/99/RCP u x-xhieda hemm migbura stante li dawn il-kawza instemghu kontestwalment.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob li tithallas l-ammont li tallega li baqala tiehu li ghandu jigi likwidat mill-Qorti ghal xoghol li hija ghamlet fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta li ttromottiet ruhha fl-appalt b’dan allura li qed titlob li jkun iddikjarat li l-appalt gie xolt fl-1 ta’ Dicembru 1997 u li tithallas tal-istess xoghol li ghamlet. Minn naha l-ohra s-socjeta` konvenuta qed tghid li x-xoghol sar hazin u tiddikjara li l-istess appalt gie xolt minhabba nuqqasijiet da parte tas-socjeta` attrici u tiddikjara li l-pagamenti li saru kollha jew in parte ma kienux dovuti lilha u talbet ukoll li l-istess socjeta` attrici

tigi kkundannata thallas id-danni hekk ikkawzati lilha minhabba tali inadempjenza.

Illi l-ewwel ser tigi trattata l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mis-socjeta` attrici ghal kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghaliex inghad li ma jidhirx li n-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni giet guramentata.

Illi skond l-**artikolu 158 tal-Kap.12** in-nota tal-eccezzjonijiet jew ahjar illum kif inhi maghrufa bl-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-**Att XXII tas-sena 2005**, d-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eccezzjonijiet skond l-**artikolu 158 (4)** ta' qabel l-emendi imsemmija kien jaghmilha tassativa li d-dikjarazzjoni trid tkun guramentata. L-emendi li dahlu *in vigore* fis-sena 2005 ir-risposta guramentata ssostitwiet in-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni bil-gurament.

Illi min-nota tal-eccezzjonijiet u l-kontro-talba (fol. 316 sa fol. 321) jirrizulta car li Ronald Azzopardi halef kemm id-dikjarazzjoni man-nota tal-eccezzjonijiet kif ukoll il-kontro-talba quddiem ir-Registratur tal-Qorti ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistghax tigi milqugha ghaliex ma ghandha ebda bazi fattwali.

Illi dwar l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni fil-kontro-talba bit-tieni eccezzjoni taghha is-socjeta` attrici rikonvenzjonata qed teccepixxi li t-talbiet tas-socjeta` konvenuta Crown *Hotel*s Limited huma preskritti billi ma ngabux fiz-zmien stabbilit fil-ligi, izda l-istess socjeta` attrici naqset li tindika a bazi ta' liema artikolu hija qed teccepixxi l-preskrizzjoni u la darba dan huwa l-kaz tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tigi milqugha ghaliex hija l-parti li teccepixxi l-preskrizzjoni li ghandha tindika l-artiklu specifiku a bazi ta' liema qed teccepixxi l-istess haga li s-socjeta` attrici ma ghamlitx fl-ebda stadju tal-kawza.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Luciano Martinelli ghan-nom u fl-interess ta' Mirage Holdings Limited vs Saviour Pisani"** (A.I.C. (PS) - 22 ta' Gunju 2005) *"mhux dubitat illi jinkombi fuq il-parti li tqajjimha li tiddentifika l-*

*preskrizzjoni applikabbli. Hi gravata bl-oneru li tindividwa minn fost l-ipotesijiet varji prevvisti mil-ligi l-preskrizzjoni specifika. Dan hu indott mill-interpretazzjoni li dejjem inghata mill-gurisprudenza lill-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili".*

Illi dan ghaliex kif intqal fis-sentenza **"Francis Bugeja nominee vs Indria Mercieca"** ( A.C. - 29 ta' Mejju 2000) *"l-eccezzjoni tal-prekrissjoni ma tistax titqajjem mill-Qorti ex officio. Ghalhekk biex il-Qorti tikkonsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjent u mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid li jaghti l-eccezzjoni ta' kull preskrizzjoni ohra skond il-ligi, ghax xorta ohra l-Qorti tkun qeghda tissupplixxi ghal-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva".*

Illi fil-kaz in ezami s-socjeta` AMC Electric Limited naqset li tispecifika l-artikolu tal-ligi li fuqu kienet qed tibbaza l-eccezzjoni taghha dwar il-preskrizzjoni u li ghalhekk , anke fid-dawl tal-enuncjazzjoni hawn fuq kwotata, illi fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika hekk necessarja biex taghmel individwabbli u allura komprensibbli wkoll, l-wahda jew l-ohra fost l-ipotesijiet precizati mil-ligi, l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli.

Illi kif inghad mill-perit legali l-provi huma dawk li huma u hija fuq dan li l-istess Qorti ghandha tikkonsidra l-mertu izda din il-Qorti ma tistax ma tosservax dak li sostniet il-Perit Legali, li minkejja li l-partijiet inghataw kull opportunita' li jressqu l-provi, dawn tressqu b'mod kazwali miz-zewg partijiet, izda s-socjeta` attrici kienet sew iktar karenti f'dan ir-rigward mis-socjeta` konvenuta.

Illi f'dan il-kaz jidher li l-provi huma bbazati l-iktar fuq l-kuntratt ta' appalt , tlett affidavits tas-socjeta` attrici u d-dokumenti pprezentati minn Giovanni Cefalu u kontro-ezami ta' Giovanni Cefalu u ghas-socjeta` konvenuta ix-xhieda tal-engineer ta' Charles Cuschieri u d-dokumenti esibiti minnu u x-xhieda ta' Ronald Azzopardi. F'dan il-kuntest jinghad li hadd mill-partijiet insista fuq in-nomina ta' Perit Tekniku u dan minkejja li partikolarment din il-

Qorti kif presjeduta talbet lill-partijiet jekk kienux ser jaghmlu talba ghal tali nomina, talba li baqghet ma saret fl-ebda stadju u allura necessarjament din il-Qorti ser tiddeciedi dwar il-provi li jirrizultaw mill-partijiet u migjuba minnhom.

Illi mill-kuntratt tal-appalt datat l-1 ta' Dicembru 1997 u iffirmat mill-partijiet jirrizulta li x-xoghol kellu jibda fil-15 ta' Novembru 1997 u jispicca fil-15 ta' Marzu 2008 (fol. 11); li l-valur tal-appalt kellu jkun ta' Lm137,900 li kellhom jithallsu kwantu ghal Lm35,900 akkont mal-firma tal-kuntratt, Lm42000 sal-20 ta' Dicembru 1997, Lm40,000 sal-15 ta' Frar 1998 u Lm20,000 malli johorgu c-certifikat l-enginier (fol. 11). Giet pattwita penali f'kaz li l-pagamenti ma jkunux fi zmien hmistax-il gurnata minn meta jkunu dovuti u din fl-ammont ta' Lm200 kuljum (fol.11).

Illi Giovanni Cefalu in rapprezentanza tas-socjeta` attrici jghid fl-affidavit tieghu li l-ewwel pagament sar fit-18 ta' Novembru 1997, t-tieni f'Dicembru 1997 u t-tielet fit-28 ta' jannar 1998 u jzid li kien baqa` zewg pagamenti biss x'jithallsu, wiehed li kien jaghlaq fl-20 ta' Frar u l-iehor mat-tlestija tal-progett.

Illi mill-prospett prezentat minn Cefalu a fol. 19 li jispjega ahjar a fol. 78 huwa jghid li s-socjeta` attrici ghad ghandha tiehu minghand s-socjeta` konvenuta bilanc ta' Lm56,342 oltre l-interessi u l-penali talli s-socjeta` konvenuta rrevokat il-kuntratt ta' tas-Sliema liema provi izda l-istess socjeta` attrici baqghet qatt ma resqet ghalkemm a fol. 78 jghid li jista jibghat dan bil-*fax*. Huwa jammetti li s-socjeta` irceviet is-somma ta' Lm77,400 (fol. 78) u li r-raba` pagament sar fit-28 ta' Jannar 1998 jumejn qabel korra fuq il-post fejn kien jahdem.

Illi jinghad ukoll li skond Dok. "RA 1" esebit mis-socjeta` attrici jidher li thallas is-somma ta' Lm87,400 u cioe' li kienet hi li halset lil Hydroelectric Limited s-somma ta' LM10,000 ghan-nom tas-socjeta` attrici u difatti l-ircevuta harget fuq is-socjeta` attrici kif jidher mid-dokument relattiv a fol. 79 fit-2 ta' April 1998.

Illi ghalhekk jirrizulta li filwaqt li s-socjeta` attrici qed tghid li rceviet is-somma ta' Lm77,400, minn naha l-ohra is-socjeta` konvenuta qed tghid li hallsitha is-somma LM87,400 ghax din is-somma ta' Lm10,000 s-socjeta` attrici qed tghid li dak ma kienx ta' xoghol ordnat minnha. Pero' s-socjeta` attrici ma gabet ebda prova dwar dan u jigi rilevat li sal-10 ta' Marzu 1993 (fol. 57) s-socjeta` attrici jidher li halset is-somma ta' Lm5,000 lill-istess Hydroelectric Limited bhala hlas akkont. Minn dan jirrizulta wkoll li sa hames t'ijiem qabel kellu jitkompla x-xoghol s-socjeta` attrici ma kella ebda problemi ma' Hydroelectric Limited. Minn dan kollu jidher ghalhekk li l-ahhar pagament li sar lis-socjeta` attrici kien fit-28 ta' Jannar 1998 u huwa minn din id-data l-quddiem li huwa l-qofol ta' din il-kawza.

Illi fil-kawza odjerna hemm zewg punti kardinali relattivi ghax-xoghol li ghandu jsir mill-appaltatur. L-ewwel punt hu li d-decizjoni li tittiehed dwar jekk xoghol ikunx sar skond l-arti u s-sengha hija decizjoni ta' natura teknika. It-tieni punt huwa li jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew mhux esegwit sewwa) l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas la tal-ammont kollu pattwit u lanqas parti minnu **("Pinu Attard vs Kunsill Lokali Fontana"** – QM (GH) (AE) - 17 ta' April 2004).

Illi ma` dan jizdied jinghad li huwa principju stabbilit li l-kuntratti jridu jigu esegwiti *in buona fede*. Il-kuntrattur qabel ma jindahal ghal bicca xoghol ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega u ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu (**"Biagio Muscat vs Anthony Falzon et"** A.I.C. (PS) - 12 ta' Mejju 2003). Minn naha l-ohra l-parti l-ohra ghandha taccetta dan ix-xoghol kemm il-darba dan ikun sar skond is-sengha u l-arti u thallas fi zmien stipulat u maqbul bejn il-partijiet.

Illi fl-inkarigu tieghu *"l'imprenditore ha l-obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo I dettami dell-arte*

*sua e deve prestare almeno una capacita ordinaria"* (**Kollez Vol. XXVII.i.373).** Dan fis-sens li hu *"ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu"* (**Kollez. Vol XL.i.485).**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mix-xhieda tal-Inginier Charles Cuschieri li kien il-konsulent imqabbad mis-socjeta` konnvenuta proprju fuq dan il-progett (xhieda tal-15 ta' Ottubru u 26 ta' Novembru 2007 fil-process l-iehor tal-kawza fl-ismijiet inversi) li kien hemm nuqqas ta' bona fede mis-socjeta` attrici ghaliex hija ma esegwietx ix-xogholijiet li kellha taghmel skond l-arti u s-sengha u hawn issir riferenza ghall-istess xhieda fejn jinghad li waqt ix-xoghol kien hemm diversi ilmenti mas-socjeta` attrici dwar ix-xoghol, anke peress li ma kienux qed isiru testijiet relattivi, tant li rrizulta li l-pajpijiet li pprovdiet is-socjeta` attrici kienu bdew iqattru ghaliex ma kienux twahhlu bil-mod stabbilit mill-manifattur tal-pajpijiet u ghalhekk kellu jitqabbad kuntrattur iehor Elesolar Company Limited sabiex jirrimedja ghall-istess u l-lukanda kienet tista' tinfetah; sostna wkoll li x-xoghol kien waqa' lura sew u dwar dan kien hemm korrispondenza mibghuta lis-socjeta` attrici mill-ufficju tieghu. Fil-fatt gara li din is-socjeta` Elesolar Limited hadet hija l-istess progett sabiex irrangat u lestiet ix-xoghol li kellha taghmel is-socjeta` attrici. Fil-fatt fir-rapport datat 11 ta' Mejju 1998 hemm elenkati lista ta' nuqqasijiet da parte tas-socjeta` attrici li jinkludu proprju ix-xoghol hazin fuq imsemmi, in-nuqqas ta' xoghol li kellu jigi esegwit mis-socjeta` attrici, il-livel ta' *workmanship* li gie deskritt *below standard* specjalment fir-rigward fi *plumbing installations* tant li hafna minnu kellu jigi smantellat u maghmul mill-gdid, li l-*foremen* kellhom hafna impenji x'jesegwixxu u allura ma setghux ilahhqu max-xoghol fuq is-sit, li x-xiri tal-materjal u l-konsenja tieghu fuq il-lant tax-xoghol kien dejjem tard tant li ma setghax jigi konsegwentement itterminat ix-xoghol, ma kienx hemm bizzejjed nies fuq il-lant sabiex jikkompletaw ix-xoghol fit-terminu pattwit, u diversi *sub contractors* ma kellhomx il-hila li jaghmlu tali xoghol u konsegwenza ta' dan il-konsenja tal-*main plant* kellha tigi posposta ghaliex il-*main panel* ma kienx f'postu ghalkemm kienet saret is-*substation*, u fil-fatt il-mistiedna

fl-istess *hotel* kellhom juzaw kmamar minghajr ilma shun sakem gew installati l-*boilers*.

Illi la darba din l-inadempjenza giet ippruvata mis-socjeta` konvenuta hija ma hijiex obbligata li thallas ghall-istess u dan ghaliex kif ritenut fis-sentenzi **"Paul Vella vs Andrew Bugeja et"** (A.I.C. (PS) - 3 ta' Frar 2003) u **"Borg vs Buttigieg de Piro"** (P. A. - 3 ta' Jannar 1995) l-appaltatur li ma jottemprax ruhu mal-ftehim, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha mhux intitolat ghal hlas.

Illi jirrizulta li wkoll mid-dokumenti esebiti mill-Inginier Charles Cuschieri li meta l-manager tas-socjeta` attrici Salvatore Montaperto xehed li hadd qatt ma qallu li kien hemm problemi, dan ma ghandux mis-sewwa ghaliex fil-verita' mid- Dok. "CC28" jirrizulta li permezz ta' *fax* datata 11 ta' Marzu 1998 mibghuta mill-ufficju tal-istess Inginier Charles Cuschieri hemm indikat car u tond li kien hemm il-problemi u dan aanke ikkonfermat mid-Dok. "CC 30" tat-12 ta' Marzu 1998 u cioe' tlett ijiem qabel skada l-kuntratt, u allura dan ifisser li fiz-zmien meta kien ghad hemm relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` konvenuta, kienu gja saru ilmenti fuq ix-xoghol esegwit u dawn l-ilmenti kienu ndirizzati lill-imsemmi Salvatore Montaperto u allura x-xhieda ta' din il-persuna lanqas tista' tigi emnuta ghaliex kontradetta sahansitra minn korrispondenza indirizzata lilu li ma jistax jghid li ma kienx jaf biha.

Illi huwa f'dan il-kuntest relevanti li f'Dok. "CC 29" l-Inginier Charles Cuschieri pprezenta *fax* mibghuta mill-ufficju tieghu lil wiehed mid-diretturi tal-kumpanija u kkupjata lil G. Cefalu li telenka l-problemi li kien hemm fosthom li xahar qabel ma kellha tinfetah l-lukanda, is-socjeta` attrici AMC Electric Ltd infurmat lis-socjeta` konvenuta li kienu ser ibiddlu l-forrnituri, li Salvatore s-*site forman* kien abbanduna l-progett ghal xi zmien minghajr ma halla hadd minfloku, u li s-*sub contractors* imqabbda minn AMC Electric Ltd. ma kienux kompetenti sabiex jaghmlu ix-xoghol rikjest u indikat.

Illi jirrizulta wkoll li mill-minuti tal-laqghat li l-Inginiera kien ikollhom kif prezenti f'Dok. "CC", jidher li Salvatore u/jew

Benito kienu kwazi dejjem prezenti, ghallanqas sat-12 ta' Marzu 1998 zgur li s-socjeta` attrici kienet ghadha involuta fix-xoghol. Jigi rilevat li dan Benito ma giex prodott bhala xhud mis-socjeta` attrici.

Illi dwar l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta l-imsemmi Inginier Charles Cuschieri ta rendikont dettaljat fir-rapport tieghu Dok. "CC 31" tan-nuqqasijiet tas-socjeta` attrici, liema rapport gie kkonfermat minnu bil-gurament u ghalkemm is-socjeta` attrici hadet konjizzjoni tieghu tal-istess ma jidhirx li lanqas biss hasset il-htiega li tikkontroezaminah u wisq inqas ikkontradicitu. Lanqas talbet in-nomina ta' perit tekniku sabiex b'xi mod tasal sabiex tattakka l-konkluzjonijiet hemm raggunti.

Illi tenut kont tal-fatt li l-konstatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skond l-arti u s-sengha hi materja ta' indole teknika, u dment li l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku, f'dan il-kaz ex-parte, ma gewx gravement imqieghda fid-dubju b'ragunijiet mhux privi mill-kunsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami l-Qorti jkollha taccetta dawn l-istess konkluzjoni **("Anthony Pace Asciaq vs Joseph Camilleri"** – P.A. – 28 ta' Jannar 2004) u dan qed jinghad fil-kuntest li mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ppruvat l-allegazzjonijiet taghha fil-grad rikjest mill-ligi.

Illi proprju f'dan l-istat tal-provi jirrizulta li l-provi tas-socjeta` konvenuta li x-xoghol ma giex esegwit sew mis-socjeta` attrici ma giex kontradett bi provi jew b'xi mod iehor mis-socjeta` attrici u ghalhekk fil-waqt li s-socjeta` konvenuta tigi li ppruvat dak minnha allegat dwar l-istess inkarigu, konsegwentement jinghad li s-socjeta` attrici naqset li tikkontrasta l-provi tas-socjeta` konvenuta b'mod konkret jew konsistenti, u dan ghaliex il-prova tas-socjeta` konvenuta fuq l-istess ma gietx kontrastata bi provi minnha mressqa jew almenu bin-nomina ta' perit tekniku u f'dan l-istat ta' prova din il-Qorti ma tistax hlief taccetta l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta. Dan aktar u aktar meta s-socjeta` attrici bhala parti interessata ma pprevalietx ruhha mill-fakolta` lilha moghtija mil-ligi li titlob in-nomina ta' perit tekniku u jekk ikun il-kaz periti addizzjonali

(**"Giswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et"** – A.C. - 23 ta' Gunju 1967.

Illi l-posizzjoni fil-kaz odjern hija ghalhekk li ghalkemm l-ebda parti ma ghamlet talba ghal espert tekniku u kienet is-socjeta` konvenuta li ressqet lix-xhud tekniku taghha, liema xhud ma giex kontradett bl-ebda mod mis-socjeta` attrici. Fil-fatt ir-rapport tal-Inginier Charles Cuschieri li gja saret riferenza ghalih f'din is-sentenza u li jinsab mmarkat bhala Dok. "CC 31" mal-process l-iehor anness ma` din il-kawza, jelenka b'mod dettaljat il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt mis-socjeta` attrici liema nuqqasijet ma gewx lanqas kontradetti mis-socjeta` attrici. Ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta ppruvat li s-socjeta` attrici naqset li tottempera ruhha mal-kundizzjonijiet tal-appalt li kienet obbligata li tosserva.

Illi rigward ammont ta' danni li s-socjeta` konvenuta qed tippretendi li sofriet minhabba dan in-nuqqas da parte tas-socjeta` attrici gie pprezentat prospett Dok. "RA1" (wkoll esebit fil-kawza l-ohra) li permezz tieghu qed tghid li hija kellha tqabbad lis-socjeta` Elesolar Limited u dan swielha Lm118.544 u LM28, 041 interessi u *charges* fuq kambjali b'kollox Lm146,585 u ghamlet telf ta' Lm25,098 stante li kellha 40 kamra fil-lukanda li ghal 22 lejl ma setghetx tuzahom minhabba x-xogholijiet li kienu ghaddejjin. Ghalhekk it-talba tas-socjeta` konvenuta ghad-danni hija ta' LM121,183 (€282,280) li hija (Lm259,083 konsistenti LM87400 imhallsa lis-socjeta` attrici, Lm146,585 spejjez addizzjonali inkorsi mis-socjeta` konvenuta , u Lm25,098 nuqqas ta' qliegh minus LM137,900). Dan lanqas ma gie kontradett mis-socjeta` attrici tant li lanqas biss gie kontrastat b'xi mod.

Illi dwar l-imghaxijiet jigi rilevat li d-disposizzjoniji rilevanti hi l-**artikolu 1141 tal-Kodici Civili** fejn fl-ewwel subartikolu jipprovdi li:-

*"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita."*

Illi **is-subartikolu (2) tal-artikolu 1141** jkompli jghid li:-

*"F'kull kaz iehor l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni".*

Illi l-principju generali hu li meta dovut ma jkunx cert u likwidu (cioe mhux somma determinabbli, izda ammont li ghad irid jigi determinat) l-imghaxijiet jibdew mid-data meta jigi determinat l-ammont u dan a bazi tal-principju "in liquidandis non fit mora" u dan kif anke ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **"Vivian Charmain Mizzi vs Carmel Mizzi"** (A.C. - 30 ta' Gunju 2004); u **"Francis Saviour Aquilina vs Andrew Mamo nomine"** (A.C. - 19 ta' Novembru 2001). La darba mill-provi ma jidhirx li s-socjeta` konvenuta interpellat lis-socjeta` attrici ghal tali hlas, ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` attrici qed jigu michuda filwaqt li dawk tas-socjeta` rikonvenzjonata ghandhom jigu milqugha biss fis-sens hawn deciz u s-socjeta` attrici ghandha thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' €282,280 ekwivalenti ghal Lm121,183 bhala danni bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici a karigu tas-socjeta` attrici.

Illi konsegwentement, dwar il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta kontra s-socjeta` attrici ghall-istess motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi l-istess kontro-talba proposta mis-socjeta` konvenuta,** billi filwaqt li tichad l-

eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-istess kontro-talba, u dan in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad it-tielet talba tas-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talbiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta` attrici kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-obbligi taghha taht il-kuntratt tal-appalt u naqset illi tipprovdi s-servizzi u makkinarju skont il-ftehim u li x-xoghlijiet u makkinarju li hija ezegwiet jew ipprovdiet ma kienux skont il-ftehim u kienu difettuzi u/jew mhux skont is-sengha u l-arti.

2. Tiddikjara illi l-kuntratt tal-appalt *de quo* kien kien gie terminat u xolt minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta` attrici kif ukoll minhabba illi l-istess ma zammitx maz-zminijiet pattwiti, naqset illi tipprovdi s-servizzi u makkinarju skont il-ftehim, u x-xoghlijiet u makkinarju li hija ezegwiet jew ipprovdiet kienu difettuzi u jew mhux skont is-sengha u l-arti.

4. Tillikwida l-ammont li s-socjeta` attrici ghandha tirrifondi lis-socjeta` konvenuta fis-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin elf, mitejn u tmenin euro (€282,280) ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrin elf, mija u tlieta u tmenin lira maltija (Lm121,183) bhala danni.

5. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta dak l-ammont hekk likwidat ta' mitejn u tnejn u tmenin elf, mitejn u tmenin euro (€282,280) ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrin elf, mija u tlieta u tmenin lira maltija (Lm121,183) bhala danni.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------